



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.5.2013
COM(2013) 248 final

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**li tinnomina l-Kapitali Ewropea tal-Kultura għall-2017 fid-Danimarka u f'Ċipru u l-
Kapitali Ewropea tal-Kultura għall-2018 f'Malta**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Id-Deċiżjoni Nru 1622/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi azzjoni Komunitarja għall-avveniment tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura għas-snin mill-2007 sal-2019¹, tistabbilixxi l-proċedura tan-nomina tal-Kapitali Ewropej tal-Kultura. Skont l-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni, mill-2009 'l quddiem, żewġ bliet ta' żewġ Stati Membri se jiġu nnominati bħala l-Kapitali Ewropej tal-Kultura, skont min imissu, fl-ordni kronoloġika stabbilita fl-Anness tad-Deċiżjoni. Id-Danimarka u Ċipru huma intitolati li jospitaw l-avveniment fl-2017. Malta li hija waħda minn żewġ Stati Membri intitolati li jospitaw l-avveniment fl-2018, flimkien mal-Pajjiżi l-Baxxi, iddeċidiet li tibda l-proċedura tal-għażla tagħha sena qabel l-iskeda normali.

In-nomina għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura għall-2017 u għall-2018 tressqet għall-proċess li ġej.

Ħarġet sejħa biex jitressqu applikazzjonijiet minn kull Stat Membru kkonċernat sa mhux aktar tard minn sitt snin qabel l-avveniment. Bord tal-għażla kompost minn 13-il espert indipendenti fis-settur kulturali jiltaqa' qabel il-laqgħa tal-għażla sa mhux aktar tard minn ħames snin qabel l-avveniment. Dan jivvaluta l-applikazzjonijiet li jitressqu skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Nru 1622/2006/KE u jaqbel dwar lista qasira ta' bliet kandidati li jridu jibqgħu jitqiesu wara li jlestu l-applikazzjoni tagħhom.

Kull Stat Membru kkonċernat ilaqqqa' l-bord għall-għażla finali, disa' xhur wara l-laqgħa ta' qabel l-għażla. Wara valutazzjoni estensiva tal-bliet magħżula minn qabel skont il-kriterji stabbiliti għall-azzjoni, il-bord jirrakkomanda belt waħda għat-titolu f'kull Stat Membru kkonċernat.

Abbażi ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet, kull Stat Membru jinnomina belt għalih biex tkun il-Kapitali Ewropea tal-Kultura u jinnotifika lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Kumitat tar-Reġjuni sa mhux aktar tard minn erba' snin qabel ma jibda dan l-avveniment.

Il-Parlament Ewropew jista' jagħti opinjoni lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara li jaslu n-nomini.

Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, jaħtar uffiċjalment il-bliet inkwistjoni għas-sena li għaliha jkun ġew innominati.

Meta tlestiet il-kompetizzjoni f'żewġ rawnds spjegata hawn fuq, fir-rapporti rispettivi tiegħu ta' Settembru 2012 il-bord irrakkomanda li Aarhus (id-Danimarka) u Paphos (Ċipru) jospitaw l-avveniment fl-2017 u fir-rapport tiegħu ta' Novembru 2012 il-bord irrakkomanda li l-Belt Valletta (Malta) tospita l-avveniment fl-2018. It-tliet Stati Membri nnotifikaw dawn in-nomini lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Kumitat tar-Reġjuni sal-ħarifa tal-2012.

Il-Parlament Ewropew ta l-opinjoni pozzittivi tiegħu lill-Kummissjoni fi Frar tal-2013.

Għaldaqstant, il-Kummissjoni, skont l-Artikolu 9.3 tad-Deċiżjoni Nru 1622/2006/KE qed tressaq lill-Kunsill ir-rakkomandazzjoni mehmuża għan-nomina uffiċjali ta' Aarhus u Paphos

¹ ĠU L 304, 3.11.2006, p. 1.

għall-avveniment tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2017 fid-Danimarka u f'Ċipru
rispettivament u għan-nomina uffiċjali tal-Belt Valletta għall-avveniment tal-Kapitali
Ewropea tal-Kultura 2018 f'Malta.

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tinnomina l-Kapitali Ewropea tal-Kultura għall-2017 fid-Danimarka u f'Ċipru u l-Kapitali Ewropea tal-Kultura għall-2018 f'Malta

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 1622/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi azzjoni Komunitarja għall-avveniment tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura għas-snin mill-2007 sal-2019², u b'mod partikolari l-Artikolu 9(3) tagħha,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mingħand il-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-rapporti tal-Bord tal-Għażla ta' Settembru 2012 dwar il-proċess tal-għażla tal-Kapitali Ewropej tal-Kultura fid-Danimarka u f'Ċipru,

Wara li kkunsidra r-rapport tal-Bord tal-Għażla ta' Novembru 2012 dwar il-proċess tal-għażla tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura f'Malta,

Billi:

Filwaqt li jqis li l-kriterji msemmija fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Nru 1622/2006/KE ntlaħqu kollha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Aarhus u Paphos huma nnominati bħala "Il-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2017" rispettivament fid-Danimarka u f'Ċipru.

Il-Belt Valletta hija nnominata bħala "Il-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2018" f'Malta.

² ĠU L 304, 3.11.2006, p. 1.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*